# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT**
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar l-Erbgħa, 16 ta' Ottubru 2024**

**Każ Nru: 841/2024**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carl Pace)**

**vs**

**Omissis**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat u ċioé:

*talli nhar it-13 t`Ottubru 2024 u fix-xhur u s-snin ta` qabel gewwa dawn il-Gzejjer u/jew gewwa 22, Cuore Rosso Nero, Dahlet It-Tempju Megalitiku, Birkirkara, b'diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;*

*1. Għamel jew ipproduċja jew ippermetta li jiġi magħmul jew prodott xi materjal indiċenti jew ipproduċa, qassam, xerred, importa, esporta, offra,*

*biegħ, issupplixxa, ittrasmetta, għamel disponibbli, akkwista għalih innifsu jew għal ħaddieħor, jew wera dak il-materjal indiċenti u estrem ta' persuni ta' taħt l-eta' ta' disa' snin kif ukoll l-istess materjal jagħti stampa ta' jew jirraprezenta persuna ta' taħt l-eta involuta f'atti ta' bestjalita', brutalita sadizmu jew tortura;*

*2. U aktar talli fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi, akkwista, xjentament akkwista aċċess permezz ta' teknoloġiji ta' informazzjoni u komunikazzjoni għal, jew kellu fil-pussess tiegħu, xi materjal indiċenti li juri, jagħti stampa ta' jew jirrappreżenta xi persuna ta' taħt l-eta.*

Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija għar-reati kollha hawn fuq imsemmija jew għal wieħed biss jew għal uħud minnhom, il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi;

Rat li fis-seduta tal-lum[1], l-imputat għażel li jirreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu.

Rat li l-istess imputat reġa' ammetta l-istess imputazzjonijiet wara li ngħata żmien xieraq sabiex jerġa jikkonsulta mal-avukat difensur tiegħu[2].

Rat id-dokumentazzjoni eżebita mill-prosekuzzjoni.

---

[1] Verbal jibda a fol 3 tal-proċess.

[2] B'hekk ġie segwit dak li jrid l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Dwar dan wieħed huwa mistieden jara dak li ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **<u>The Police (Insp. Jonathan Ransley) vs Jianlin Shen</u>**, (App Nru: 44/2022) mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (Sede Inferjuri) nhar il-10 ta' Ġunju 2022.

Rat ir-rikors konġunt magħmul mill-prosekuzzjoni u d-difiża, ai termini tal-artikolu 392A(5) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fejn talbu li l-Qorti timponi piena ta' sentejn priġunerija sospiżi għal erba' snin u li toħroġ Ordni ta' Trattament għal-żmien tlett snin.

Rat l-atti proċesswali kollha.

**Ikkunsidrat**

1) **Fatti u ammissjoni**

Illi l-fatti ta' dan il-każ jemerġu ċar mid-dokumentazzjoni eżebita u b'hekk ma hemmx ħtieġa ta' ripetizzjoni tal-istess.

Illi l-imputat għażel li jammetti l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, liema ammissjoni huwa għażel li jerġa jtenni wara li l-Qorti wisset lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba u wara li ngħata biżżejjed żmien sabiex jreġġa lura minnha.

Illi kkunsidrat dan[3], il-Qorti qiegħda ssib lill-imputat ħati tal-akkużi dedotti fil-konfront tiegħu.

[3] Dwar l-effetti tal-ammissjoni fil-kamp penali, wieħed huwa mistieden jara dak awtorevolment deċiż fis-sentenza ċelebri fl-ismijiet **Il-Pulizija vs George Cassar Desain**, mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (Sede Inferjuri) nhar is-27 ta' Ottubru 1962. B'żieda ma dik is-sentenza klassika, wieħed huwa mistieden jara dak li seħħ u ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Andre Falzon,** (App Nru: 385/2015) mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (Sede Inferjuri) mogħtija nhar id-19 ta' Novembru 2015 u dik fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Godfrey Formosa,** (App Nru: 99/2017) mogħtija wkoll mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (Sede Inferjuri) nhar is-26 ta' Ottubru 2017.

## 2) Piena

Illi kif diġa ġie senjalat, il-prosekuzzjoni u d-difiża talbu, permezz ta' rikors skond il-liġi, li din il-Qorti timponi piena ta' sentejn priġunerija sospiżi għal erba' snin, kif ukoll li jinħareġ Ordni ta' Trattament għal perjodu ta' tlett snin. Din il-Qorti infurmat lill-imputat li kienet disposta taċċetta l-istess piena f'każ ta' ħtija.

Illi wara li rat li dak mitlub fir-rikors konġunt jaqa' fil-parametri tal-liġi u li l-imputat ammetta ma l-ewwel opportunità, li sal-lum kellu fedina penali netta, tqis li għandha tilqa' t-talba hemm magħmula u dan kif irid l-artikolu 392A(7) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

## 3) Konklużjoni

Għaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 208A(1)(3) u 208A(1B) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qiegħda ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih u konsegwentement qiegħda tikkundanna lill-ħati għal piena ta' sentejn (2) priġunerija. Madanakollu, għar-raġunijiet hawn fuq imfissra, qiegħda tordna li, a tenur tal-artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, dan it-terminu m'għandux jibda jseħħ sakemm il-ħati ma jikkommettix reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija, fi żmien erba' snin (4) m'illum.

Illi a tenur tal-artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar, ir-responsabbiltà tiegħu taħt l-artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jekk huwa jikkommetti reat li għalih hemm piena ta' priġunerija matul il-perijodu operattiv.

Illi l-Qorti qiegħda tqiegħed lill ħati taħt Ordni ta' Trattament ai termini ta' l-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għall-perijodu ta' tlett (3) snin u dana taħt it-termini u kondizzjonijiet imposti fid-digriet għall-ħruġ ta' Ordni ta' Trattament mogħti llum stess, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha. A tenur ta' l-Artikolu 412D(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar il-kondizzjonijiet imposti fuqu bl-Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tiegħu kif ukoll ir-responsabilità tiegħu f'każ li ma jikkonformax ruħu ma' xi rekwiżit jew xi kondizzjoni ta' tali Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tiegħu, u ċioè li f'tali eventwalità il-Qorti tista' twaħħlu ammenda ta' mhux iżjed minn elf mija erbgħa u sittin Euro u disgħa u sittin centeżmu (€1,164.69).

Illi l-Qorti qiegħda tordna, skond il-Kapitolu 518 tal-Liġijiet ta' Malta li isem il-ħati jitpoġġa fir-Reġistru mwaqqaf skond l-istess Kapitolu u konsegwentement tordna li kopja ta' din is-sentenza tiġi notifikata lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali għal dan il-għan.

Illi l-Qorti qiegħda wkoll a tenur tal-artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tordna l-konfiska u d-distruzzjoni tal-oġġetti (żewġ *mobile phones* u *hard drive*[4]) hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess-verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni. Tali dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' dawn il-proċeduri mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Il-Qorti finalment tordna, fi kliem l-artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol m'illum, l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

---

[4] Elenkati f'Dok CP6 a fol 36 tal-proċess.

**Dr Joseph Gatt LL.D.**
Maġistrat

**Annalise Spiteri**
Deputat Reġistratur